DRAFT

A.L. --- tal-2026

## ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

## (KAP. 549)

## Regolamenti tal-2026 dwar Emissjonijiet Industrijali (Dispożizzjonijiet Speċjali għat-Trobbija ta' Tjur u Majjali)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**Titolu.**

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 dwar Emissjonijiet Industrijali (Dispożizzjonijiet Speċjali Għat-Trobbija ta' Tjur u Majjali).

**Skop.**

**2.** (1) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw parti mid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-Emissjonijiet Industrijali (il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill kif emendata permezz tad-Direttiva 2024/1785/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024.

(2) Dawn ir-regolamenti jipprovdu ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-attivitajiet stabbiliti fl-Iskeda li jilħqu l-limiti tal-kapacità stabbiliti f'dik l-Iskeda.

**Regola ta' aggregazzjoni.**

**3.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tadotta miżuri li jiżguraw li jekk żewġ installazzjoniet jew aktar involuti f'attivitajiet tat-trobbija tal-bhejjem ikunu jinsabu qrib xulxin u jekk l-operatur tagħhom ikun l-istess jew jekk l-installazzjonijiet ikunu taħt il-kontroll ta' operaturi li jkunu involuti f'relazzjoni ekonomika jew legali, l-awtorità kompetenti tista' tqis dawk l-installazzjonijiet bħala unità waħda għall-fini tal-kalkolu tal-limitu tal-kapaċità msemmi fir-regolament 2(3).

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-regola msemmija fis-subregolament (1) ma tintużax biex tevita l-obbligi stipulati f'dawn ir-regolamenti:

Iżda l-limitu għall-biedja mħallta m'għandux jintuża biex iddur madwar il-limitu relatat ma' kull unità ta' bhejjem individwali.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tieħu konjizzjoni tal-linji gwidi ppubblikati mill-Kummissjoni, dwar il-kriterji li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex l-istallazzjonijiet differenti jitqiesu bħala unità waħda skont is-subregolament (1).

**Permessi u reġistrazzjonijiet.**

**4.** (1) Ebda stallazzjoni li taqa’ fl-ambitu ta’ dawn ir-regolamenti m’għandha titħaddem mingħajr permess jew mingħajr ma tkun reġistrata, u għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet uniformi għar-regoli operattivi msemmija fir-regolament 10.

(2) L-awtorità kompetenti tista’ tuża kwalunkwe proċedura preeżistenti simili għar-reġistrazzjoni tal-istallazzjonijiet sabiex tevita li toħloq piż amminstrattiv:

Iżda l-awtorità kompetenti tista’ tħaddem proċedura ta’ permessi għat-trobbija intensiva tat-tjur u l-majjali:

(a) b’aktar minn 40 000 post għat-tjur;

(b) b’post għal aktar minn 2 000 majjal tas-simna li jiżen aktar minn 30 kg; jew

(c) b’post għal aktar minn 750 majjala.

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti tista’ tinkludi rekwiżiti, għal ċerti kategoriji ta’ stallazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta’ dawn ir-regolamenti, fir-regoli ġenerali vinkolanti msemmija fir-regolament 8 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem:

Iżda wkoll l-awtorità kompetenti għandha tispeċifika l-proċedura għar-reġistrazzjoni jew għall-għoti ta’ permess fir-rigward ta’ installazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta’ dawn ir-regolamenti. Dawk il-proċeduri għandhom jinkludu għallinqas l-informazzjoni elenkata fis-subregolament (3).

(3) Ir-reġistrazzjonijiet jew l-applikazzjonijiet għall-permessi għandhom jinkludu għallinqas deskrizzjoni tal-elementi li ġejjin:

(a) l-istallazzjoni u l-attivitajiet tagħha;

(b) it-tip ta’ annimal;

(c) id-densità tat-trobbija f’unità ta’ bhejjem għal kull ettaru kkalkulata f’konformità mal-Iskeda, fejn ikun meħtieġ;

(d) il-kapaċità tal-istallazzjoni;

(e) is-sorsi tal-emissjonijiet mill-istallazzjoni;

(f) in-natura u l-kwantitajiet ta’ emissjonijiet prevedibbli mill-istallazzjoni f’kull mezz.

(4) L-applikjazzjonijiet għandhom jinkludu wkoll sinteżi mhix teknika tal-informazzjoni msemmija fis-subregolament (3).

(5) L-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe bidla sostanzjali li jkun qed jippjana għall-installazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta’ dawn ir-regolamenti, li jaf ikollha konsegwenzi għall-ambjent. Kulfejn ikun xieraq, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra mill-ġdid u taġġorna l-permess jew titlob lill-operatur biex japplika għal permess jew jagħmel reġistrazzjoni ġdida.

**Obbligi tal-operatur.**

**5.** (1) L-operatur għandu jwettaq monitoraġġ tal-emissjonijiet u tal-livelli ta’ prestazzjoni ambjentali marbutin magħhom, f’konformità mal-kundizzjonijiet uniformi għar-regoli operattivi msemmija fir-regolament 10:

DRAFT

Iżda l-informazzjoni mill-monitoraġġ għandha tinkiseb permezz ta' metodi ta' kejl jew, meta dan ma jkunx prattiku, permezz ta' metodi ta' kalkoli bħall-użu ta' fatturi ta' emissjoni. Il-metodi użati biex tinkiseb din l-informazzjoni għandhom jiġu deskritti fir-regoli operattivi:

Iżda l-operatur għandu jżomm reġistru ta', u jipproċessa, ir-riżultati kollha tal-monitoraġġ, għal mhux inqas minn 5 snin, b'tali mod li tkun tista' ssir il-verifika tal-konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u mal-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fir-regoli operattivi.

(2) Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-valuri limitu tal-emissjonijiet u mal-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fil-kundizzjonijiet uniformi għar-regoli operattivi msemmija fir-regolament 10, l-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li jerġa' jkun hemm il-konformità fl-iqsar żmien possibbli.

(3) L-operatur għandu jiżgura li l-ġestjoni tad-demel inkluż it-tixrid fuq l-art ta' skart, prodotti sekondarji tal-annimali jew residwi oħra li jinħolqu mill-istallazzjoni jsiru f'konformità mal-aħjar metodi tekniċi disponibbli, kif speċifikat fir-regoli operattivi u f'leġiżlazzjoni oħra rilevanti tal-Unjoni u li ma tikkawżax tniġġis sinjifikattiv tal-ambjent.

**Monitoraġġ.**

**6.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li jsir monitoraġġ xieraq f'konformità mal-kundizzjonijiet uniformi għar-regoli operattivi msemmija fir-regolament 10.

(2) Ir-riżultati kollha tal-monitoraġġ għandhom jiġu rreġistrati, ipproċessati u ppreżentati b'tali mod li l-awtorità kompetenti tkun tista' tivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet ta' tħaddim, il-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali li huma inklużi fir-regoli ġenerali vinkolanti msemmija fir-regolament 8 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem jew fil-permess, skont kif stabbilit mill-awtorità kompetenti.

(3) L-operatur għandu, mingħajr dewmien, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, id-data u l-informazzjoni elenkati fis-subregolament (2). L-awtorità kompetenti tista' tagħmel talba sabiex tivverifika l-konformità mal-kundizzjonijiet uniformi għar-regoli operattivi. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel dik it-talba jekk membru tal-pubbliku jitlob aċċess għad-data jew għall-informazzjoni elenkata fis-subregolament (2).

**Nuqqas ta' konformità.**

**7.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-valuri għall-emissjonijiet u l-livelli ta' prestazzjoni ambjentali jkunu mmonitorjati f'konformità mal-kundizzjonijiet uniformi għar-regoli operattivi msemmija fir-regolament 9 u ma jaqbżux il-valuri limitu tal-emissjonijiet u l-valuri limitu tal-prestazzjoni ambjentali stabbiliti fihom.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ tal-konformità effikaċi, ibbażata fuq spezzjonijiet ambjentali jew miżuri oħra, biex jivverifikaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dawn ir-regolamenti.

(3) Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, l-awtorità kompetenti għandha tesiġi li l-operatur jieħu kwalunkwe miżura, b'żieda mal-miżuri meħuda mill-operatur skont ir-regolament 5, li tkun meħtieġa biex jiġi żgurat li jerġa' jkun hemm konformità mingħajr dewmien:

Iżda meta n-nuqqas ta' konformità jikkawża degradazzjoni sinjifikattiv tal-kundizzjonijiet lokali tal-arja, tal-ilma jew tal-ħamrija, jew meta dan joħloq, jew jirriskja li joħloq, periklu sinjifikattiv għas-saħħa tal-bniedem, it-tħaddim tal-istallazzjoni għandu jiġi sospiż mill-awtorità kompetenti sakemm jerġa' jkun hemm konformità:

Iżda wkoll, is-sospensjoni tal-operat għandha tkun strettament mingħajr preġudizzju għall-kontinwazzjoni tal-attivitajiet li huma meħtieġa għat-trattament xieraq tal-bhejjem.

**Informazzjoni u parteċipazzjoni pubblika.**

**8.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-membri tal-pubbliku interessat jingħataw opportunitajiet minn kmieni u effikaċi sabiex jipparteċipaw fil-proċeduri li ġejjin:

(a) it-tħejjija ta' regoli vinkolanti ġenerali kif imsemmi fir-regolament 8 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem dwar permessi għal installazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti;

(b) l-għoti ta' permess għal installazzjoni ġdida li taqa' fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti;

(c) l-għoti ta' permess aġġornat f'konformità mar-regolament 4(4) għal kwalunkwe bidla sostanzjali f'installazzjoni eżistenti li taqa' fl-ambitu ta' dawn il-regolamenti; jew

(d) il-proċedura għar-reġistrazzjoni, f'każ li ma jiġux adottati regoli vinkolanti ġenerali, u l-awtorità kompetenti tippermetti li l-installazzjoni tiġi rreġistrata biss.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku, inkluż b'mod sistematiku permezz tal-internet, mingħajr ħlas u mingħajr ma tillimita l-aċċess għall-utenti rreġistrati, id-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin:

(a) il-permess jew ir-reġistrazzjoni;

(b) ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet li saru f'konformità mas-subregolament (1);

(c) ir-regoli vinkolanti ġenerali msemmija fir-regolament 8 tar-Regolamenti dwar Qafas għall-Emissjonijiet Industrijali u l-Emissjonijiet mit-Trobbija tal-Bhejjem li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti; u

(d) ir-rapporti tal-ispezzjonijiet tal-installazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dawn ir-regolamenti.

**Appelli.**

**Kap. 551.**

**9.** (1) Kull persuna aggravata li tixtieq tikkontesta l-legalità sostantiva jew proċedurali ta' deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet taħt dawn ir-regolamenti tista' tappella quddiem it-Tribunal. L-appelli għandhom isiru skont ir-regoli u l-proċeduri rilevanti stabbiliti fl-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

(2) Appell jista' jiġi ntavolat quddiem it-Tribunal fi żmien tletin (30) ġurnata mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità.

**Kundizzjonijiet uniformi għar-regoli operattivi.**

**10.** L-awtorità kompetenti għandha ssegwi jew tkun infurmata bl-aħjar metodi tekniċi disponibbli u bil-pubblikazzjoni ta' kwalunkwe kundizzjoni uniformi għar-regoli operattivi ġodda jew aġġornati.

**Reati.**

**11.** Kwalunkwe persuna tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos li tkun konformi ma' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew mal-kundizzjonijiet tal-permess jew ma' xi ordni legalment mogħtija f'termini ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

DRAFT

(b) tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew kundizzjoni imposta minn dawn ir-regolamenti jew bis-setgħa tagħhom; jew

(c) taġixxi b'kontravvenzjoni ta' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tassoċja ruħha jew tittanta tassoċja ruħha ma' xi persuna, jew tgħin, jew tħajjar, lil xi persuna oħra bi kwalunkwe mezz, inkluż ir-reklamar, l-għoti ta' pariri jew il-ħlass ta' flus biex tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew biex tonqos milli tħares xi dispożizzjonijiet tagħhom, inkluża xi ordni mogħtija leġittimament skont xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti, jew biex tikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew kondizzjoni imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti.

**Penali.**

**12.** Persuna li twettaq reat kontra dawn ir-regolamenti għandha teħel:

(a) meta tinstab ħatja għall-ewwel darba, multa ta' mhux anqas minn elf u ħames mitt euro (€1,500.00), iżda mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf euro (€23,000.00);

(b) meta tinstab ħatja għat-tieni darba jew aktar, multa ta' mhux anqas minn ħamest elef euro (€5,000.00), iżda mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf euro (€46,000.00), jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda meta persuna tinstab ħatja li għamlet reat taħt dawn ir-regolamenti permezz ta' vettura, is-sid tal-imsemmija vettura, fejn applikabbli, jinżamm responsabbli bl-istess mod u manjiera:

Iżda wkoll il-qorti tista' tordna lil kull min ikun instab ħati li għamel reat kontra dawn ir-regolamenti li jħallas dawk l-ispejjeż li l-awtorità kompetenti tkun għamlet bħala riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħruġ mill-awtorità kompetenti u l-konfiska tal-corpus delicti, inkluża l-vettura, jekk applikabbli.

**Applikabilità tal-Kodiċi Kriminali.**

**Kap. 9.**

**13.** (1) Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 23 u 30(1) tal-Kodiċi Kriminali għandhom, *mutatis mutandis*, jgħoddu għal proċedimenti dwar reati kontra dawn ir-regolamenti, b'dan illi l-iskwalifika milli persuna jkollha jew tikseb liċenza, permess jew awtorità m'għandha f'ebda każ tkun għal inqas minn sena.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, il-proċedimenti dwar reat kontra dawn ir-regolamenti għandhom isiru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont ma jista' jkun il-każ, u għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw il-proċedura quddiem dawk il-qrati bħala qrati ta' ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' Appell Kriminali minn kull sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar proċedimenti għal xi reat kontra dawn ir-regolamenti.

**Penali amministrattivi.**

**14.** L-awtorità kompetenti tista' alternattivament timponi penali amministrattiva skont l-Artikoli 80 u 81 tal-Att:

DRAFT

Iżda għall-aktar ksur serju mwettaq minn persuna ġuridika, l-ammont massimu tal-penali finanzjarji amministrattivi għandu jkun ta' mill-anqas 3% tal-fatturat annwali tal-operatur fis-sena finanzjarja ta' qabel is-sena li fiha tkun ġiet imposta l-multa.

**Kumpens.**

**15.** (1) Meta jkun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali adottati skont dawn ir-regolamenti, l-individwi milquta għandhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mingħand il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti.

(2) Ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali relatati mat-talbiet għal kumpens għandhom jitfasslu u jiġu applikati b'tali mod li ma jagħmlux l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens għal dannu kkawżat minn ksur skont is-subregolament (1) impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

(3) L-azzjonijiet għal kumpens imsemmija fis-subregolament (1) jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' sentejn. Tali perjodi m'għandux jiddekorri qabel ma l-ksur ikun waqaf u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf jew raġonevolment tista' tkun mistennija li tkun taf li hija ġarrbet dannu minn ksur skont is-subregolament (1).

**Dispożizzjonijiet Transitorji.**

**16.** Fir-rigward tal-installazzjonijiet li jwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Iskeda, dawn ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien:

(a) erba' (4) snin mid-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 70i(2) tad-Direttiva (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 li jemenda d-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill, jekk l-installazzjoni jkollha kapaċità ta' 600 unità ta' bhejjem jew aktar;

(b) ħames (5) snin mid-dħul fis-seħħ tal-att tal-implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 70i(2) tad-Direttiva (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunstill tal-24 ta' April 2024 li jemenda d-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill, jekk l-installazjoni jkollha kapaċità ta' 400 unità ta' bhejjem jew aktar;

(c) sitt (6) snin mid-dħul fis-seħħ tal-att tal-implimentazzjoni b'referenza fid-Direttiva (UE) 2024/1785 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunstill tal-24 ta' April 2024 li jemenda d-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'landfill, għall-installazzjonijiet l-oħrajn kollha koperti mill-Iskeda;

Iżda sad-data rilevanti tal-applikazzjoni kif imsemmi f'dan ir-regolament, l-installazzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2010/75/UE, fil-verżjoni fis-seħħ fil-jum qabel ma d-Direttiva 2024/1785/UE tidħol fis-seħħ, għandhom jikkonformaw mad-Direttiva 2010/75/UE f'dik il-verżjoni.

DRAFT

**Skeda**

**Attivitajiet imsemmija fir-Regolament 2(3)**

Installazzjonijiet jaqgħu fl-iskop ta’ din l-iskeda jekk jaqgħu f’waħda jew aktar minn dawn il-kategoriji ta’ attività li ġejjin:

1. It-trobbija tal-majjali li jirrappreżentaw 350 unità ta’ bhejjem jew aktar, minbarra l-attivitajiet tat-trobbija li jitwettqu skont reġimi ta’ produzzjoni organika f’konformità mar-Regolament (UE) 2018/848, jew meta d-densità tal-bhejjem tkun anqas minn 2 unitajiet ta’ bhejjem/ettaru użat biss għar-ragħa jew għat-tkabbir ta’ foraġġ jew foraġġ użat għat-tagħlif tal-annimali, u l-annimali jitrabbew barra għal ammont sinjifikattiv ta’ żmien f’sena jew imrobbija staġjonalment barra.

2. It-trobbija tat-tiġieġ tal-bajd biss li jirrappreżentaw 300 unità ta’ bhejjem jew aktar, jew it-trobbija ta’ kategoriji oħra ta’ tjur biss li jirrappreżentaw 280 unità ta’ bhejjem jew aktar. F’installazzjonijiet li jrabbu taħlita ta’ tjur inkluż tiġieġ tal-bajd, il-limitu għandu jkun ta’ 280 unità ta’ bhejjem u l-kapaċità għandha tiġi kkalkulata bl-użu ta’ 0,93 bħala fattur ta’ ponderazzjoni[1] għat-tiġieġ tal-bajd.

3. It-trobbija ta’ kwalunkwe taħlita ta’ majjali jew tjur li jirrappreżentaw 380 unità ta’ bhejjem jew aktar, minbarra t-trobbija tal-majjali f’installazzjonijiet li jaħdmu b’reġimi ta’ produzzjoni organika f’konformità mar-Regolament (UE) 2018/848, jew meta d-densità tal-bhejjem tkun anqas minn 2 unitajiet ta’ bhejjem/ettaru użat biss għar-ragħa jew għat-tkabbir ta’ foraġġ jew foraġġ użat għat-tagħlif tal-annimali, u l-annimali jitrabbew barra għal ammont sinjifikattiv ta’ żmien f’sena jew imrobbija staġjonalment barra.

Il-livell ta’ unità ta’ bhejjem ta’ installazzjoni jiġi kkalkolat bl-użu tar-rati ta’ konverżjoni li ġejjin:

| Majjali | Unità ta’ bhejjem |
|---|---|
| Majjali tat-tgħammir ≥ 50 kg | 0,500 |
| Driefeġ ≤ 20 kg | 0,027 |
| Majjali oħra | 0,300 |

| Tjur | Unità ta’ bhejjem |
|---|---|
| Tiġieġ tas-simna | 0,007 |
| Tiġieġ tal-bajd | 0,014 |
| Dundjani | 0,030 |
| Papri | 0,010 |
| Wiżż | 0,020 |
| Ngħam | 0,350 |
| Tjur tal-irżiezet oħra | 0,001 |

[1] Il-fattur ta’ ponderazzjoni għat-tiġieġ tal-bajd ġie kkalkulat billi l-livell limitu tat-tjur l-ieħor (280 unità ta’ bhejjem) jiġi diviż bil-limitu tat-tiġieġ tal-bajd (300 unità ta’ bhejjem). Dan huwa 280/300 = 0,93 (għad-dritt).